# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

The Royal Univers

IL-LSIEN MALTI HU L-AQWA XHIEDA
TAL-QEDEM TA' ĠENSNA

**It-Tieni Sena** **Frar 1933** **No. 24**

Stampât fl-"EMPIRE PRESS" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

// LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

**FRAR 1933]** **IT-TIENI SENA** **[Nru 24**

# INĦAFFU L-KITBA TAL-MALTI!

Qal xi ħadd: "Aħna ma rridux infixklu tagħlim il-Malti; aħna rridu ngħinu kemm nifilħu l-kitba tal-Malti billi nħaffuha minn dak it-toqol ta' regoli li bihom għabbietha l-Għaqda."

Jekk il-kitba tagħna hi tassew tqila, jekk tħabbel il-moħħ, jekk fiha xi regoli żejda li jistgħu jitneħħew bla ebda ħsara tal-kitba aħna nkunu l-ewwel nies li nbiddlu fejn jaħtieġ u kemm jaħtieġ u ndaħħlu regoli oħra aktar ħfief. Inħaffu rridu, iżda nħassru lè; u għalhekk, tqila kemm hi tqila, ma nistgħu nnaqqsu l-ebda regola li tmiss fil-laħam il-ħaj il-grammatka u n-natura tal-lsien Malti. Ir-regoli tagħna, bħalma jaf kulħadd, huma mibnijin fuq il-grammâtka u fuq in-natura tal-Malti li ma hu, u la ingliż u l-anqas taljan; ir-regoli ma ħlaqniehomx aħna, twieldu u kibru mal-Malti, huma biċċa mill-ħajja tiegħu, u għalhekk ħadd ma jista' jmisshom.

Iżda ħa naraw ftit kif iridu jħaffu l-kitba tal-Malti dawk li ma jaqblux magħna. Jista' jkun li għajnejhom iwasslu aktar minn tagħna u jaraw fil-Malti dak li ma narawx aħna.

1. Aħna nagħżlu bejn *u* vokali u bejn *u* konsonanti. Meta tkun konsonanti niktbuha *w*; x'uħud jiktbuha ŭ, jiġifieri jafu jagħżlu bejn *u* vokali u bejn *u* konsonanti. Illum għall-ħeffa jridu jiktbu dejjem *u*. Il-*w* maqtula u midfuna, u minn fuq il-*u* tneħħa kull xkiel. Għalhekk flok ma jiktbu *twerwru* jew *tŭerŭru*, illum għall-ħeffa, jridu jiktbu *tueruru*; flok *ċens perpetwu* jew *perpetŭu* jiktbu *perpetuu*; flok *jilwu* jew *jilŭu* jiktbu *jiluu*; *iseuuu* flok *isewwu*. Ta' min hi l-eħfef kitba?

2. Meta l-*g* għandha l-ħoss ta' *gi* fit-taljan, niktbuha dejjem b' tikka fuq rasha, bla ma nqisu jekk għandhiex warajha vokali

jew konsonanti jew liema vokali għandha warajha. U meta għandha l-ħoss ta *ghi*, niktbuha dejjem bla tikka. Iżda l-lum it-tikek ma għadhomx môda; tneħħiew għal kollox għall-ħeffa. Għalhekk flok *ġabar* jiktbu *giabar*, flok *ġobon* jiktbu *giobon*. U jekk il-*g* ikollha warajha konsonanti, il-kelma jaqsmuha fi tnejn b'apostrofu bejn iż-żewġ qasmiet, hekk: *g'bidna*, *g'bart*. *jig'bed*. U jekk il-*g* tkun f'tarf il-kelma, tinkiteb dejjem xorta waħda, għalhekk jiktbu : *legleg*, *niseg* u inti aqra kif trid. Dak li għidna għal *g* nistgħu ntennuh għal *c*. Hekk huma jiktbu *granc*, *ganc*, *manc*, *franc* li fihom ic-*c* ma għandhiex ħoss wieħed u madankollu ma għandha xejn li jagħżel u juri il-ħoss tagħha. Din ħeffa jew taħwid ta' kitba?

3. L-*x* fil-kliem ġejj mit-taljan għandha tibda tinkiteb *sc*, għalhekk flok *faxxa* jiktbu *fascia*. Iżda ma nafux kif sa jibda jinkiteb dan il-kliem ġejj mit-taljan; *faxx*, *baxx*, *caxxa*, *xcubetta* jew il-plural tal-istess *faxxia faxex*. Jatu regoli oħra għal dal-kliem? Jistgħu, jekk iridu. Jistgħu mqar jatu regola għal kull kelma, imma mbagħad ma jgħidux li jridu jħaffu l-kitba tal-Malti.

4. Il-*h* għandha tinkiteb dejjem mingħajr qatgħa, jiġifieri qatt ma tinkiteb *ħ*. Issa l-*h* xi drabi għandha ħoss għaliha bħal *ħaseb*, *daħal*, *rebaħ*; u xi drabi miżjuda biss biex tati lic-*c* u lill-*g* il-ħoss ta' *ca* u *ga*, bħal *chiteb*, *ghidem*. Biex tiġi tajba xi drabi jinzerta lil-*h*, meta għandu jkollha ħoss għaliha, tiġi bejn *c* jew *g* u *i* jew *e*; ara *tichil* mill-verb *kaħħal*. Kif jaqbad jaqra dil-kelma min sa jibda jitgħallem il-Malti? Issarraf dik l-*h* daqs konsonanti oħra, jew hi biċċa miċ-*c* li għandha l-ħoss ta' *ca*?

Ma rridux intawwlu iżjed b'din il-għanja, iżda min qal li jrid iħaffef il-kitba tal-Malti mhux jagħmel ħaġa oħra ħlief iħabbilha. Ir-regoli tagħna (u ngħidulhom *tagħna* għax huma tal-Malti tagħna) huma kollha magħqudin għaqda waħda li xejn ma jista' jħollha; ir-regoli tagħhom (u ngħidulhom *tagħhom* għax mhumiex tal-Malti) huma taħbila bla tarf li anqas huma qatt ma jifhmuha. Ir-regoli tagħna fissirniehom, bihom ktibna aħna u ħafna oħrajn, drahom kullħadd, ifissru issa huma r-regoli tagħhom bħalna, jiktbu bihom kotba oħra bħalna, idarruhom u jgħallmuhom, u min hu fis-sewwa jagħleb.

# GĦAL DUN MIKIEL XERRI [1]

## SUNETT

Kont għadni, nista' ngħid ċkejken tarbija
meta ktieb-il-ġrajjiet ħabbibni miegħek,
għax fik għaġġbitni l-ħila barranija,
u l-kelma sħiħa bħall-egħruq ta' driegħek.

Iżda kif ġejt fuq l-għatba tar-rġulija
u xtaqt inbus lil dak li qatt ma tmiegħek,
u fittixt, imm'għalxejn, fuq l-art maltija
ħaġra li turi fejn hu l-qabar tiegħek,

jien regħ'xt u bkejt, għax rajt kemm kienet xħiħa
miegħek din l'Art li int ħabbejt fis-sewwa,
b'imħabba safja w bla nuqqas sabiħa;

għax tajfitna b'għamilek sfat mirquma,
u għall-qawwa li wrejt quddiem l-egħdewwa
kienu jitkabbru bik Atene w Ruma.

11/12/32

Dun Karm.

# GĦANJA

Tibża' xejn. La jisbaħ għada
ġuf il-ġnien jitqâl bil-ward,
għat-tgħanniq tax-xmejxa sħuna
togħxa bl-hena, msaħħra l-art.
Terġa' ż-żiffa tar-Rebbiegħa
tbus bir-rogħda wiċċ il-qiegħa.

La tibkix. La jisbaħ għada
fuq għajnejk jinxef id-dmugħ,
mat-tfajliet fin-namra tgħanni
ta' ferħ ġdid, ġol qalb, il-ftuħ;
fuq xofftejk terġa' t-tbissima
u għalli ġej l-isbaħ tislima.

Tibża' xejn. Ittama f'għada,
għada sbejjaħ fuq is-sbieħ,
għada... l-ħolm, għada... l-imħabba,
l-ikreh, għada, jsir sabiħ.
La tibkix, Dorina tiegħi,
għada tkun imgħannqa miegħi. RoB.

(1) Dun Mikiel Xerri ġie maqtul mill-Franċiżi fis-17 ta' Jannar 1799. Min irid jaf min kien u x'kien isarraf Dun Mikiel, jaqra r-rumanz "Nazju Ellul" tal-Kav. Ġużè Muscat Azzopardi.

# X'GĦAMLITLU!

Ħalib! kienet il-għajta ta' Toni f'xi s-sagħtejn ta' wara nofsinhar tikser il-ħemda tat-triq ewlenija tar-raħal tagħna.

Ħalib! reġa' għajjat Toni huwa u riesaq lejn id-dar tas-Sinjura Nin.

Toni żagħżugħ ta' 22 sena, mibrum u fuq tiegħu kien qiegħed imexxi ħames mogħżiet quddiemu, tnejn minnhom marbutin minn għonqhom b'siegla li Toni kien qiegħed iżomm f'idu. Wieqaf fuq qaddu, bil qalziet miżmum minn terħa bajda, is-sidrija tas-serġ blù maqfula biss biż-żewġ buttuni t'isfel, il-but tal-lemin mgħobbi bis-soldi u fuqhom maktur ikħal nofsu barra. Rasu daqsxejn immejla, hekk ukoll il-beritta mixħutha fuq widintu x-xellugija. Fuq widintu l-lemenija werqa nagħniegħa.

Xħin waqaf qala' l-berritta minn rasu, ħareġ minn ġo fiha sigarrett, u kebbsu mbagħad: Ħalib! għajjat, u għafas il-qampiena.

Ġanna kienet qegħda taħsel. "U x-xwieni! issa ġie dan il-mingħul," ixxuttat idejha f'biċċa ħwejjeġ, mesħet dirgħajha mir-ragħwa tas-sapun fil-fardal ikħal li kellha quddiemha u telqet mill-bitħa għall-kċina biex tnewwel il-bottijiet tal-ħalib. Imbagħad marret tiftaħ.

Toni reġa' ċempel. Il-bieb infetaħ fil-waqt. "Mela ħsibt li qegħdin miegħek, jew li aħna b'idejna fuq żaqqna nistennew lilek". Toni ma wieġeb xejn, ħadilha l-bottijiet minn idha u beda jaħleb geżż wara ieħor sa ma t-tnejn faru bir-ragħwa, u newwilhom lil Ġanna. "Mela, hawn s'er noħdilha dak il-ftit lis-sinjura. Aħleb ftit ieħor". Bis-saħħa kollha Toni reġa' ħa l-bottijiet u ħaleb ftit ieħor. "Issa għal qalbek?" Ġanna ma wieġbet xejn, ħadet il-bottijiet minn idejn Toni imma ma daħletx il-ġewwa. Ixxabbtet fuq il-grada, tefgħet ħarsa l-fuq u l-isfel fit-triq u ma lemħet lil ħadd. "Wiċċek għad-dawl il-lum Toni, jaqaw?" Toni ħmar naqra, ried kieku ma jweġibx, tefa' għajnejh fil-bogħod, bħal kieku moħħu f'ħaġ'oħra u mbagħad qal "Is-sinjorina m'hix hawn il-lum?"

"Min?—dik l-għaġba? niżżi ħajr l'Alla ħlisna minnha fl-aħħar, telqet il-bieraħ. Bħal issa mur ara x'issaffar u tkanta." Hawn Ġanna newlet xelin lil Toni, Toni ħemeż is-siegla maċċappetta tal-grada, ħareġ il-maktur ikħal mill-but tas-sidrija u qegħdu taħt abtu u mill-but newwel il-bqija lil Ġanna, u ħabat s'er jinġibed lura.

Ġanna kienet s'er tgħid xi ħaġa xħin semgħet min isejħilha minn ġewwa. Kienet is-sinjura Nin riedet xi ħaġa. Ma għaddiex żmien wisq li s-sinjura Nin tfaċċat fl-intrata. Mara qaw-

wija, fuq il-ħamsin sena, xagħarha mżewwaq, miġbur f'toppu fuq il-quċċata ta' rasha, idejha fuq qaddha qiesha figolla. Resqet bil-mod lejn il-bieb. X'ħin ratha Ġanna nġibdet il-ġewwa u baqgħet dieħla. Toni bħal instamat, ma' jafx x'jakbad igħid, mess il-pizz tal-beritta u beda biex isaqsi għall-kanonku.

Is-sinjura Nin wieġbet li issa kien ħafna aħjar, imbagħad: "Tħobb titħaddet ftit Ġanna hux? imma ma tagħmlux b'ħażen. Min jaf kemm kellha min iridha imma hi ma reditx titlaqna. Jien dejjem għidtilha li ż-żwieġ logħba, u li min ikun kuntent ma għandux jiżżewweġ. Ara jien lit-tfal tiegħi qatt ma nħajjarhom jiżżewġu u anqas hu meta kien ħaj.

Int Ton ma għandekx xi waħda?" Toni sar aħmar daqs pepprin, ma riedx kieku jigdeb, u anqas ma ried juri għommtu lil ħadd, għalhekk tbissem u ma wieġeb xejn. Is-sinjura dlonk indunat u: "Dawn ħwejjeġ ta' did-dinja" qaltlu "Min il-lum u min għada, kullħadd minn triq waħda jrid igħaddi. Ma tkun tagħmel xejn ħażin. Imbagħad iż-żwieġ Alla ħalqu. Aħjar wieħed miżżewweġ minn ġuvni mtajjar. Jiena f'sitta u għoxrin sena li ilni miżżewġa qatt ma kelli daqs hekk xi ngħid marraġel. Żewġi dejjem ħabbni u rrispettani.

Imbagħad għidtlek jien tiżżewweġ logħba. Ma tarax din ta' warajna x'ħadet billi żżewġet, ġa romlot. Damet erba' snin għarusa u j'Alla erba' xhur miżżewġa. Għidtilha jien l'ommha, imma dik rasha jebsa, ma reditx tisma'.

Aħna x-xjuħ nafu d-dinja x'tati. Dik tal-Bwieraq m'huxukoll? L-ewwel ħafna għaġeb imbagħad festa festun fit-tieġ u wara waqgħet ġebla mill-barriera, korriet ir-raġel ħaduh malajr l-isptar, Vjatku, Griżma u l-għada nbala."

Hawn waqfet ftit, kemxet xuftejha, ċaqalqet rasha u reġgħet bdiet titħaddet. "Jiena niżżi ħajr l'Alla, it-tifla tiegħi ilha sitt snin miżżewġa, dejjem fil-hena mar-raġel, jinħabbu qieshom żewġt'aħwa. Qatt......

Fil-waqt resqet tifla u talbet lil Toni sold ħalib.

Toni ħadilha t-tazza li kellha f'idha, ġibed il-mogħża lejh, niżel kokka u beda jaħleb.

Is-sinjura Nin waqfet u nġibdet minn fuq il-grada, u b'xufftejha mkemmxa u ċċaqlaq rasha bdiet riesqa l-ġewwa.

X'ħin qam Toni ħares lejn is-sinjura, qallha "Saħħa," mess il-pizz tal-beritta u beda miexi.

Hawn bajda ħa !

Ħalib ! ! !

Toni mexa b'rasu baxxa, ma setax jaqbad x'riedet tfisser is-sinjura u mbagħad qal f'qalbu: "Qalet li riedet, taf x'naf biss li ma ħallitnix inkellimha lil Ġanna."

5-XI-32. WALL.

# BIL-LEJL

Ħriġt fuq is-setaħ
sew meta l-lejl fil-ħolm midfun, u f'ħemda
li tgħaxxaq bi ħlewwitha,
kien q'egħd iħaddan lil din artna s-sbejħa;
meta l-uċuħ sewdiena, l-ward u s-siġar
qajmu ħajjithom
mill-frisk taż-żiffa bnina,
min-nida ħelu.

* * *

Imm'issa f'dawn l-egħlieqi xejn ma jidher,
id-dell mimli tal-lejla jiksi kollox;
is-siġar twal, l-għoljiet fil-qrib, fil-bogħod
inħbew taħt star il-lejl.
Għax l-anqas is-sultan
tal-lejl, il-qamar jiddi
b'dawl lewn il-fidda,
ma deher għal wens ta' nies għajjienä, miexja
għal għonq id-dlam.
Lè, ma xirefx il-qamar;
imma mis-sema tinżel ħniena għan-nies
li lejh iħarsu u fih isibu l-faraġ.
Għalhekk il-kwiekeb leqqenin jittawlu
u dlonk jitriegħdu
xħin jaraw l-uġigħ aħrax tal-bnedmin
fuq artna s-sbejħa.
Il-kwiekeb ħelwa! l-kwiekeb kollha dija!
Dinjiet oħrajn
isbaħ u akbar minn tagħna!
Kemm nixtieqni għasfur ċkejken li ntir ħdejkom
biex nara x'fikom!
Ġejtu msawrin mill-Id li ħalqet kollox;
fikom nilmaħ ċokonna u l-kobor ta' Alla,
ix-xbiha tiegħu.
Ħalli n-nies ta' bla sabar
jaraw liema sbuħija tistenniehom
wara t-taqtigħ.
Għax wara l-mewt inżuru l-kwiekeb twajbä
biex nitħennew għal dejjem
wara t-tjubija
imsoqqija mit-tbatijiet
fuq artna s-sbejħa.
Fikom kollox jintesa
ħlief il-ħolm u s-sbuħija:
Il-ħolm! Jien hawn q'egħd noħlom,
stħajjiltni ħdejkom,
xtaqt niġi fejnkom.
Għal fejn dan kollu?
Artna hija sbejħa!

28-10-32. Orazio Vella

# DMUGĦ

*f'riġlejn Santa Tereża tal-Bambin Gesù*

Tfajla tal-ġenna, tbissem ftit bil-ħlewwa
Fuq din id-dinja sħiħa,
Saħħaħ il-qlub li q'ed jiġġieldu l-ġlieda
Mnejn inti ħriġt rebbieħa

Ara, qaddisa, kemm hi mwiegħra t-trejqa
Li tieħu għall-qdusija,
Ara b'kemm xkiel u b'kemm taqriq minsuġa
Jaħasra diż-żgħożija!

Ara xi bruda, x'telqa waqgħet fuqna,
Mietet koll tama f'qalbna:
Nibżgħu nħarsu 'l-fuq għax qtajna jiesna
Li s-sema jisma' talbna.

Għaddew bħar-rwiefen kbar minn fuq ħajjitna,
U qaċċtu kull ma sabu,
Neżżgħu mill-ġmiel il-ġnejna tar-ruħ tagħna,
Tal-ward ix-xtieli dabu.

U ta' kull jum inħossu fina qawwa,
Li trid tkarkarna magħha;
Għalxejn inżommu sħiħ, għax isħaħ minna
Is-sengħa tal-kliem tagħha.

Sakemm ma' raxx-id-dawl insibu rwieħna
Bla raj fit-trieq ħosbiena,
Bla l-ebda wens mad-dwar, maħdula nħarsu
B'għajnejn jittalbu ħniena.

Int biss, int trid tkun, ċkejkna Tereża,
Biex tħenn u taħseb fina,
U terġa' trodd fil-qalb taż-żgħażagħ bħalek,
Tas-sliem bewsa ħanina

Ftakar li bħalna int ġarrabt il-baħar
Ta' dina l-art qalila;
Biegħed mis-sema ċkejken tal-qlub tagħna
Tad-dnub is-sħaba tqila.

Ġorġ Pisani

# KORRISPONDENZA

Fix-xahar ta' Ottubru li għadda ġibna mfissra bil-Malti l-ittra li ktibna lill-Gvern fuq il-kitba u t-tagħlim il-Malti. Inkomplu issa nġibu dak li għadda bejnietna minn dak in-nhar il-hawn.

Fil-24 ta' Ottubru 1932 il-Ministru tat-Tagħlim wieġeb u qal li waslitlu l-ittra tagħna, iżda ried ikun jaf l-ismijiet ta' dawk li kienu fil-Laqgħa tat-12 ta' Ottubru u dak kollu li sar u ntqal f'dik il-Laqgħa.

Aħna minnufih weġibnieh li l-Laqgħa saret skond ir-regolamenti tagħna, u li l-qawwa tal-ittra qiegħda kollha fir-raġunijiet li tajna u mhux fl-ismijiet u għalhekk dehrilna li mhemmx għalfejn natu lill-Ministru it-tagħrif li talabna.

Fil-31 ta' Ottubru 1932 il-Ministru tat-Tagħlim qal fil-Parlament li l-Għaqda tal-Malti ma għandhiex x'taqsam mal-Università, u li l-isem *Università* miżjud ma' isem l-Għaqda juri ħaġa b'oħra (*misleading*).

Fuq dan il-kliem il-Kumitat tal-Għaqda nhar l-4 ta' Novembru 1932 bagħat ittra lill-Ministru tat-Tagħlim u fiha qallu: L-Għaqda tal-Malti għandha x'taqsam mal-Università bħalma għandhom x'jaqsmu u daqskemm għandhom x'jaqsmu l-Għaqdiet l-oħra tal-Ingliż, tat-Taljan u tal-Latin, jiġifieri li l-imseħbin kollha huma studenti tal-Università u nies tal-Professjoni, li bħal issa huma aktar minn 50, li r-regolamenti tagħha huma mgħoddijin mir-Rettur tal-Università u li President onorarju jkun dejjem ir-Rettur u dan *accetta*.

Din l-ittra kienet mibgħuta wkoll lill-Gażetti kollha.

Fis-16 ta' Novembru 1932 il-Ministru tat-Tagħlim reġa' kiteb lill-Għaqda bħala tweġiba għall-ittra tal-4 ta' Novembru u qal li hu jżomm u jtenni kull ma qal fil-Parlament fil-31 ta' Ottubru.

# TAGĦRIF

**Nitolbu lil dawk l-imseħbin li ma waslilhomx l-aħħar numru jew xi numru ieħor li jgħidulna biex nibagħtulhom dak li jonqoshom. U min ibiddel l-indirizz igħarrafna.**

## KUMITAT TAL-GĦAQDA

Fis-26 ta' Jannar 1933, ingħażel il-Kumitat il-ġdid.

| | |
|---|---|
| President: | Prof. Saydon B.LIT.D.D., Lic.S.Sript, B.L.CAN. |
| Viċi President: | Ġ. Aquilina |
| Segretarju: | A. Buttiġieġ |
| Kaxxier: | Karm. Vella |
| Membri: | Ġ. Formosa B.A., P.L. |
| „ | Ġ. Pace |

## KUMITAT GĦAL LEĦEN IL-MALTI

| | |
|---|---|
| Direttur: | Prof. Saydon |
| Editur: | Ġużê Bonnici B. Sc. M.D. |
| Segretarju: | A. Buttiġieġ |
| Kaxxier: | Karm. Vella |
| Membri: | Ġ. Pace |
| „ | G. Cassar |

# MIS-SENAT

## FIL-LAQGĦA TIEGĦU TAT-13 TA' MARZU 1925.

Onor. Kur. A. SAMUT: Minnflok surmast għall-malti, ma kienx ikun aħjar li s-salarju jintefaq f'ħaġa aħjar, jiġifieri li wieħed jipprova jqiegħed floku (*standardise*) il-lsien malti billi joħroġ grammatka u hekk ikun hemm xi etimologija minn flok dil-għażla bla raj u bla ħsieb ta' l-ittri li bihom daż-żmien qegħdin jinbnew il-kliem malti? Nixtieq nisma' x'jidhrilhom is-Sur Galea u l-Monsinjur Galea li tant iħabirku biex jatu f'idejn il-poplu letteratura mexxejja bil-malti.

Onor. FONSU M. GALEA: Billi semmew ismi ngħid li jien tassew ktibt ħafna bil-malti u ħriġt ħafna faxxikli bil-malti; iżda fuq il-grammatka li l-Onor Kur. Samut jixtieq jara stampata ngħid li billi l-Gvern dan l-aħħar stampa waħda, ma hemmx għal fejn tiġi stampata oħra. Barra minn din, hemm ħafna grammatki oħra: iżda din l-aħħar li ħarġet.

Onor. Rev. E. DANDRIA (Ministru tat-Tagħlim): Dan li kont sejjer ngħid jien: għad illi l-Gvern, dil-ħaġa ma qalagħhiex jew ħa ħsiebha hu, kien hemm xirka ta' kittieba maltin jisimha *l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* għat-tixrid u t-tagħlim tal-lsien malti *(per lo standardisation of the Maltese language)*. Din ix-xirka talbet li l-Gvern jistampalha dan ix-xogħol tagħha u hekk sar. **Ma naħsebx li l-Gvern jista' jkollu nies aħjar minn dawk li lestew u għenu għall-ħruġ ta' dan ix-xogħol.**

# Werrej tal-ewwel sentejn 1931-1933.


| | | | |
|---|---|---|---|
| A.C. | "Il-firda" | N.ru | 23 |
| ,, | "Żgħażagħ tal-Għaqda tal-Malti" | ,, | 7 |
| A.E. | "Lil Wied il-Għasel" | ,, | 19 |
| ABELA HYZLER C. | "Il-Miġja ta' Marozz" | ,, | 18 |
| AGIUS EM. | "Elezjoni f'Eatanswill" | ,, | 15 |
| ANASTASI PACE T. | "Meta aħna nfridna" | ,, | 3 |
| APAP VICTOR | "Tfajla tal-lum" | ,, | 10 |
| AQUILINA G. | "Il-għana f'ħalq il-Malti" | ,, | 1 |
| ,, | ,, ,, ,, | ,, | 2 |
| ,, | "Il-Qawl Malti" | ,, | 4 |
| ,, | "Il-poëżija ta' Muscat Azzopardi" | ,, | 6 |
| ,, | ,, ,, ,, | ,, | 8 |
| ,, | "Il-poëżija ta' Dun Karm" | ,, | 12 |
| ,, | ,, ,, ,, | ,, | 14 |
| ,, | ,, ,, ,, | ,, | 15 |
| ,, | "Kliem Malti mxerred" | ,, | 16 |
| ,, | "Kliem ieħor imxerred" | ,, | 17 |
| ,, | "Jaħtieġ infittxu biex insibu" | ,, | 18 |
| ,, | "Katarin x'taf bil-latin ?" | ,, | 19 |
| ,, | "Dawl fil-qasam ta' Alla" | ,, | 22 |
| ATTARD G. | "Is-sebħ" | ,, | 13 |
| BIANCARDI N. | "F'kerrejja" | ,, | 9 |
| BONNICI G. | "Quddiem il-mera" | ,, | 2 |
| ,, | "L-aħħar lejla" | ,, | 5 |
| BRIFFA ROS. | "Ballata" | ,, | 1 |
| ,, | "Ġakbu l-għama" | ,, | 2 |
| ,, | "Tħażżinna wisq !" | ,, | 4 |
| ,, | "Fl-Ave Marija" | ,, | 4 |
| ,, | "Għodwa ta' Diċembru" | ,, | 5 |
| BUTTIGIEG A. | "Il-Għanja" | ,, | 1 |
| ,, | "Ballata" | ,, | 3 |
| ,, | "It-tifwir tax-xmajjar fiċ-Ċina" | ,, | 10 |
| ,, | "Lil Ommi" | ,, | 11 |
| ,, | "San Pawl ta' Frar 1932,, | ,, | 12 |
| ,, | "Rebbiegħa u żgħożija" | ,, | 12 |
| ,, | "Xewqa" | ,, | 14 |
| ,, | "Sħaba" | ,, | 16 |
| C.V. | "Lil Wieħed" | ,, | 19 |
| CALABRITTO BONNICI | "*Canti popolari Maltesi*" | ,, | 5 |
| CALLEJA FERD. | "Qorti taħt ħajt" | ,, | 2 |
| CARABOTT N. | "Buqar għażiż" | ,, | 9 |
| ,, | "X'kellu jagħmilhom ħbieb !" | ,, | 20 |
| CARUANA MARY | "X'nixtieq" | ,, | 1 |
| ,, | "Qawmien għall-ħajja" | ,, | 10 |
| ,, | "Baħħara" | ,, | 11 |
| ,, | "Dik qabda ħut !" | ,, | 19 |
| ,, | "Duminku l-miġnun" | ,, | 21 |

| | | |
|---|---|---|
| CASSAR ANDRÈ | "Nemmen" | N.ru 4 |
| CASSAR G. | "Novella tal-Milied" | ,, 22 |
| ,, | "Lil Malta" | ,, 23 |
| COLEIRO ED. | "Dak kien żmien..." | ,, 13 |
| ,, | "Mur obsor!" | ,, 15 |
| CUPIDO (isem b'ieħor) | "Lill-qamar ta' Frar" | ,, 15 |
| DARMANIN EDG. | "Il-fatat tal-Maltemp" | ,, 20 |
| DAVID STEJEN (isem b'ieħor) | "Lil Mirjam" | ,, 9 |
| DEMANUELE J. | "Il-baħar tal-mistrieħ" | ,, 10 |
| DIACONO J. | "Lir-rusinjol" | ,, 13 |
| ,, | "Iz-ziju Toni jagħmel biċċa xogħol" | ,, 23 |
| FARRUGIA ANT. | "Żewġ vittmi tar-rivoluzjoni franċiża" | ,, 22 |
| FAVA W. | "X'għamlitlu!" | ,, 24 |
| FENECH G. | "Titwila fil-ħajja u fix-xogħol ta' Faraday" | ,, 8 |
| FORMOSA J. | "Warda—Ħsebijiet" | ,, 3 |
| ,, | "Qronfla u Sardnella" | ,, 10 |
| g.t. | "Quddiem xbiha mqaddsa" | ,, 15 |
| GRECH C. | "Dik qabda ħut!" | ,, 14 |
| GRIMA DUN P.P. | "Ħolqien!" | ,, 2 |
| ,, | "Minn fejn ġej l-isem Naxxar" | ,, 4 |
| ,, | "Vanitas vanitatum!" | ,, 5 |
| ,, | "X'dinja!" | ,, 8 |
| ,, | "Niftakar..." | ,, 11 |
| ,, | "Duħħan..." | ,, 14 |
| K. | "Għaliex inħobb il-lsien Malti" | ,, 22 |
| MICALLEF GOGGI G. | "Kemm jilħqilha" | ,, 9 |
| PACE G. | "Bis-saħħa tas-seftura tiżfen il-qattusa" | ,, 23 |
| PARIS T. | "Min jarah igħidli" | ,, 16 |
| PELLEGRINI V.M. | "Imħabba siekta" | ,, 13 |
| ,, | "Kollox jintemm!" | ,, 19 |
| ,, | "Napuljun!" | ,, 22 |
| PISANI G. | "Quddiem Kemmuna" | ,, 9 |
| ,, | "Għasfur ċkejken" | ,, 14 |
| ,, | "Lejla ta' Frar" | ,, 20 |
| ,, | "Dmugħ" | ,, 24 |
| PSAILA DUN KARM | "Barrin" | ,, 2 |
| ,, | "Il-kelma" | ,, 3 |
| ,, | "Warda" | ,, 4 |
| ,, | "Tidħak!!" u "Ħajr" | ,, 10 |
| ,, | "Pater" | ,, 12 |
| ,, | "Frak, biex ma jintilefx" | ,, 17 |
| ,, | "Evolution" | ,, 22 |
| ,, | "Dun Mikiel Xerri" | ,, 24 |
| r. | "Lilek" | ,, 6 |
| ROB. | "Dawl ħanin mexxini" | ,, 16 |
| ,, | "Mill-ġdid, poëta..." | ,, 18 |
| ,, | "Għanja" | ,, 24 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| SALVIANI (isem b'ieħor) | "Kif tikteb" | N.ru | 8 |
| SAMMUT M. | "Xi kemm għandu żmien il-baħar" | ,, | 4 |
| ,, | "It-trab" | ,, | 8 |
| SAJDON DUN P.P. | "Il-poëżija lhudijja" | ,, | 3 |
| ,, | "Il-għala l-Maltin S. Luqa sejħilhom barbri?" | ,, | 6 |
| ,, | "Meta kien id-dilluvju ?" | ,, | 11 |
| ,, | "Il-Għid il-Kbir" | ,, | 14 |
| ,, | "Għall-festa tas-Salvatur" | ,, | 18 |
| ,, | "Rqaqat tal-kitba" | ,, | 18 |
| ,, | "Il-għ fil-kitba tal-Malti" | ,, | 18 |
| ,, | "Is-sena tat-Twelid ta' Kristu" | ,, | 23 |
| TAYAR ONDINA | "Tfal bil-ġuħ" | ,, | 18 |
| ,, | "Qalb muġugħa" | ,, | 23 |
| T.Z. | "Aħlef u għid is-sewwa" | ,, | 1 |
| ,, | "Ix-xiħ u l-mewt" | ,, | 2 |
| ,, | "Lukarda u l-għadd tan-nies tal-1931" | ,, | 3 |
| ,, | "In-nassaba" | ,, | 5 |
| ,, | "Nies bla sabar" | ,, | 21 |
| THEUMA G. | "Id-dilluvju kien mad-dinja kollha ?" | ,, | 16 |
| V.O. | "Ġmajru u l-karozzi" | ,, | 21 |
| VALENZIA A. | "X'kellu jiġri" | ,, | 12 |
| VASSALLO ART. | "Omm" | ,, | 9 |
| ,, | "Siġar" | ,, | 21 |
| VASSALLO CARM. | "Għanja lil Malta" | ,, | 22 |
| VASSALLO PROF. DUN G. | "Il-pinna u l-klamar" | ,, | 16 |
| VASSALLO PROF. G.A. | "Il-mewt u x-xħiħ" | ,, | 10 |
| ,, | "Mart il-granċ u bintha" | ,, | 18 |
| Vella Karm | "Tnehida" | ,, | 2 |
| ,, | "Waħdi..." | ,, | 3 |
| ,, | "Xewqat" | ,, | 6 |
| ,, | "Laqgħa ta' qalbi" | ,, | 10 |
| ,, | "Xwejjaħ" | ,, | 11 |
| ,, | "Ħlewwiet" | ,, | 11 |
| ,, | "Tridha ?" | ,, | 11 |
| ,, | "Fix-xitwa" | ,, | 12 |
| ,, | "Lil ilsieni" | ,, | 15 |
| ,, | "Frak" | ,, | 16 |
| ,, | "Fil-mewt ta' Mons. E. Dandria" | ,, | 17 |
| ,, | "Il-Werżieq" | ,, | 21 |
| VELLA OR. | "Filgħodu" | ,, | 13 |
| ,, | "F'dawl il-qamar" | ,, | 13 |
| ,, | "Il-ħajja" | ,, | 13 |
| ,, | "Tbatija u ferħ tal-bidwi" | ,, | 17 |
| ,, | "Bil-lejl" | ,, | 24 |
| VELLA OS. | "L-aħħar raheb ta' S. Aubiu" | ,, | 13 |

# KOTBA LI BAGHTULNA

*Il-Ctieb ta Baruc*, mfisser bil-Malti mis-Sur Fons Galea. B'dan il-ktieb issa l-kotba tal-Iskrittura kollha huma maqlubin bil-Malti.

*Tagħlim żgħir ieħor fuk il Cotba tal Bibbja*, miktub mis-Sur Fons Galea. Ġabra ta' tagħlim meħtieġ għal min irid jaf xinhi l-Bibbja.

*The Journal of the Malta University Literary Society*. Nr. 4. Fih kitba 'mill-isbaħ tal-ħabib tagħna Rev. C. L. Dessoulavy fuq l-ismijiet tal-kwiekeb bil-Għarbi u bil-Malti.

Infakkru lil dawk li ħadu xi premju jew kienu msemmijin b'tifħir fil-Konkors tagħna tas-sena 1931 u tas-sena 1932 biex jieħdu ċ-ċertifikat mill-Empire Press. Ma bagħtniehulhomx bil-posta biex ma jitgħarraqx.

## ABBONAMENT

6d. kull sitt xhur
1s. kull sena
Kopja wahda sold
Ghal barra minn
Malta id-doppju.